**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 1 TA' MARZU, 2002**

**Avviz Nru: 168/02 AJD**

**Lino Psaila f'ismu personalment u f'isem u in rapprezentanza ta' Nola Limited**

**vs**

**Harold Decelis**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Jannar, 2002, fejn gie premess li Harold Decelis kien xtara diversi 'earth electrodes' ta' l-elettriku fis-sens 2000 minghand Lino Psaila personalment u f'isem u in rapprezentanza ta' Nola Limited ta' RW19L, Indistrial Estate, Kordin, Paola. Minkejja li l-imsemmi Harold Decelis kien gie nterpellat diversi drabi mill-attur personalment kif ukoll permezz ta' ittra legali tad-9 ta' Dicembru, 2001, u permezz ta' Protest tal-10 ta' Jannar, 2002, biex ihallas id-dejn tieghu ma' Lino Psaila fil-kapacita' tieghu kif elenkata hawn fuq, huwa baqa' inadempjenti. Ghaldaqstant l-attur talab lit-Tribunal biex jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u sbatax il-lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm417.28).
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali tad-9 ta' Dicembru, 2001, u tal-Protest tal-10 ta' Jannar, 2002, u bl-imghax kummercjali ta' tmienja fil-mija (8%) minn meta d-dejn kien dovut kif imfissra sew fil-Protest tal-10 ta'

Jannar, 2002, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-attur li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u sbatax il-lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm417.28), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**